KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 22

**L-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku (wasal fis-6:00pm)
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 22.1 Qari tal-Apoloġiji

22.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 21

22.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

22.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 21 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 22.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku informa li f'ħafna postijiet, id-dawl tal-Milied mhux jixgħel sewwa. Kien hemm qbil li anke minħabba l-fatt li l-kuntrattur ma kienx interessat ikompli jarma fil-lokalità tal-Imtarfa, il-Kunsill għandu jiltaqa' waqt laqgħa apposta biex jiddiskuti x'nistgħu nagħmlu għas-sena d-dieħla.

22.3.2 Is-Sindku qal li kienet ġiet imnedija skema dwar il-kapitali tal-kultura f'Malta (Maltese Capital of Culture). Huwa qal li bħala Kunsill għandna nagħmlu evalwazzjoni tajba tagħhom meta joħorġu d-dettalji.

### 22.4 Rapport dwar id-dekasteri mill-Kunsilliera

22.4.1 Is-SE talbet lill-Kunsilliera jissottomettu r-rapporti dwar id-dekasteru tagħhom waqt il-laqgħa li jmiss sabiex ikun jista' jiġi anness mar-rapport amministrattiv u jinqara waqt il-laqgħa pubblika li jmiss.

### 22.5 Konferma tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

22.5.1 B'mod unanimu, il-Kunsill ikkonferma lis-Sinjorina Katia Fenech, Assistent Prinċipali fi Skala 11 bħala d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa.

### 22.6 Estensjoni tal-kuntratt tal-kostruzzjoni tal-*Visitors Centre*

22.6.1 Is-SE infurmat li kif kienet diġà infurmat xi xhur qabel, ix-xogħlijiet fuq il-Visitors Centre kellhom jitwaqqfu ħesrem minħabba li nstabu xi *cables* għaddejja minn ġos-sit. Wara li saret it-trinka u l-*cables* ġew iddevjati min-naħa tal-Enemalta, ġiet innutata wkoll trinka oħra, din id-darba tad-drenaġġ u min-naħa tal-WSC kien hemm talba li jkun hemm devjazzjoni oħra.

Għaldaqstant ix-xogħol kellu jerġa' jitwaqqaf biex isiru x-xogħlijiet neċessarji. Min-naħa tal-perit tal-kuntrattur kien għaldaqstant għamel talba formali biex il-Kunsill jestendi l-kuntratt tas-Sur Mario Sant bi 3 xhur oħra, sal-31 ta' Marzu 2021. Il-Kunsill fehem is-sitwazzjoni u qabel unanimament mal-estensjoni.

22.6.2 Hawnhekk is-Sindku staqsa lis-SE jekk kinitx għamlet kuntatt mal-perit dwar l-iffirmar tal-kuntratti li ssemmew fil-laqgħa preċedenti. Hija infurmat li iva u li hu kien tenna l-importanza li ma' dawn il-Kunsill imexxi wkoll bil-kuntratt mal-kuntrattur tal-*Finishes* minħabba li dawn iridu jaħdmu flimkien. Min-naħa l-oħra, dan il-kuntratt kien jiswa 'l fuq minn €200,000 waħdu u għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jistenna sakemm forsi jkun hemm xi risposta lura min-naħa tal-*Managing Authority* fir-rigward tal-finanzi *extra* li se jintalbu. Għalissa imma s-SE għandha tmexxi bit-tliet kuntratti li ġew deċiżi waqt il-laqgħa numru 21. Is-SE spjegat li għalkemm diġà kienet intbagħatet kommunikazzjoni lill-Managing Authority dwar il-bżonn ta' aktar fondi għall-proġett kollu (li jinkludi r-restawr tat-torri u l-bini u tlestija tal-VC), dawn kienu infurmawha li din it-talba għandha terġa' tintbagħat wara li tingħata l-approvazzjoni tagħhom għall-varjazzjonijiet li saru fuq ix-xogħlijiet tar-restawr tal-arloġġ. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jipproċedi b'ċertu deċiżjonijiet qabel ma jkun assigurat min-naħa tal-MA li hemm l-approvazzjoni għal aktar fondi.

## 22.7 Preżentazzjoni tal-abbozz tal-baġit tal-Kunsill għas-sena 2021

22.7.1 Is-SE għaddiet kopja tal-abbozz tal-baġit għas-sena 2021 u tat spjega tal-infiq propost skont id-deċiżjonijiet u l-*commitments* li kellu l-Kunsill għas-sena li ġejja. Is-SE saħqet mal-Kunsill li s-sena d-dieħla, aktar minn qabel, il-Kunsill assolutament ma kellux fejn jimrah u jdaħħal spejjeż aktar milli diġà hemm kommessi fuq dan il-baġit. Ġibdet l-attenzjoni wkoll għall-fatt li f'dan il-baġit kien qed jiġi kkusidrat li l-Kunsill se jirnexxielu jdaħħal ammont sostanzjali ta' fondi sabiex jagħmel tajjeb għall-proġett tal-ERDF. Għaldaqstant kien importanti li ma jsirux deċiżjonijiet fuq inizjattivi u proġetti ġodda minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji kbar li kien qed jikkommetti ruħu għalihom.

22.7.2 B'mod speċjali ġibdet l-attenzjoni li sakemm il-Kunsill ma jmurx oltre minn dawn l-ispejjeż imniżżla fuq dan l-abbozz, diġà qed jikkommetti ruħu li l-indikatur finanzjarju tal-Kunsill jinżel għal 0%, meta diġà hemm obbligu legali li dan ikun 10% tal-allokazzjoni.

22.7.3 Hawnhekk is-SE tat spjega tal-baġit għas-sena 2021, anke għall-benefiċċju ta' min kien qed jisma' onlajn. Fl-aħħar nett kien hemm mistoqsija min-naħa tas-Sindku dwar ammont għall-iskema tal-irrigazzjoni li kienet tniżżlet *in full* bħala ammont. Is-SE infurmat li għalkemm kienet daret il-baġit flimkien mal-accountant, kienet se tieħu ħsieb li tkellimha biex tivverifika eżatt.

22.7.4 Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tikkonferma mal-accountant jekk hemmx xi żball u fil-każ li l-metodu ta' kif tniżżlu l-ammonti huwa korrett, il-Kunsill kien qed iqis il-baġit bħala korrett u approvat.

22.7.5 Kemm-il darba dan ikun korrett, għandu jiġi ffirmat mis-SE u mis-Sindku hekk kif preżentat.

## 22.8 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

22.8.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li kien hemm qbil bejn il-membri tar-Reġjun li fejn ikun hemm proġett maġġuri li se jaffettwa ħafna residenti, ir-Reġjun kien se jitlob lill-MEPA biex ikollu dritt għal vot f'isem il-Kunsilli Lokali li jirrappreżenta. Per prinċipju kulħadd qabel li r-Reġjun għandu jkollu vuċi f'isem il-Kunsilli u r-residenti taż-żona tat-Tramuntana imma nġibdet l-attenzjoni li ma jaqblux li jinħarrġu stqarrijiet f'isem il-Kunsilli meta huma ma jkunux ġew ikkonsultati.

22.8.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun kien għadda numru ta' maskli bl-arma tar-reġjun sabiex jitqassmu. Kien hemm qbil li dawn għandhom jitħallew fl-uffiċċju u min jixtieq waħda jintalab jagħti donazzjoni ta' €2 fil-bottijiet tal-Pink October/Movember li jinsabu fl-entratura.

22.8.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li s-SE kien għadda kopja ta' *business proposal*. Is-SE infurmat li kienet se tgħaddi kopja tiegħu lill-Kunsilliera.

## 22.9 Punti Oħra

22.9.1 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li dwar ir-rampa ta' Binja Buqana, il-perit kellu jtiha risposta sal-aħħar tal-ġimgħa. Is-Sindku fakkar lis-SE biex tavża lill-OPM dwar ir-risposta tal-perit.

22.9.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sammut Dimech, is-SE infurmat li kienet intbagħtet kommunikazzjoni dwar it-talba għal *un/loading bay* lil TM u għad ma kien hemm ebda risposta definittiva mingħandhom.

22.9.3 Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat li residenta kienet għamlet ilment dwar siġra li qegħda viċin tar-residenza fuq wara ta' Binja Marġ. Is-SE infurmat li wara spezzjoni li saret ġie nnutat li s-siġra qegħda 'l bogħod mir-residenza u barra minn hekk, minħabba li s-siġra kellha ż-żmien, ma kienx possibbli li din tinżabar hekk kif qed jintalab.

22.9.4 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar iċ-ċipressa ta' ħdejn il-garaxx tas-Sur Said fi Triq l-Imtarfa, is-SE infurmat li x-xogħol kien se jsir f'Diċembru skont il-permess tal-ERA. Hawnhekk huwa talab li ssir sleeping policeman fil-viċin. Min-naħa tagħha, is-SE fakkret lill-Kunsill li kien għadu kif kien hemm qbil bejniethom li bid-deċiżjonijiet li ttieħdu għall-commitments li għandu l-Kunsill, ma kienx possibbli li jsiru spejjeż simili imma kien hemm biss €5000 għall-emerġenza għas-sena kollha.

22.9.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbagħat talba lill-Ministeru sabiex isir survey mar-residenti tal-Imtarfa biex wieħed jevalwa aħjar jekk ir-residenti jippreferux li t-triq tkunx fuq direzzjoni unika jew le u jekk iva liema direzzjoni jippreferu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

22.9.6 Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lill-IM sabiex kif ikun għaddej ix-xogħol, jieħdu ħsieb ukoll li ssir rikostruzzjoni taċ-ċint tal-bosk kif ukoll li jitħennew is-siġar invażivi u li qed ixebilku għal fuq it-triq b'mod perikoluż. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

22.9.7 Is-Sindku informa lis-SE li nnota li fuq il-bypass jidher li hemm proprjetà privata li għandha ħajt li qed jiżżaqqaq għal fuq il-bankina u talabha biex jittieħdu xi ritratti.

22.9.8 Is-Sindku informa li hu, is-SE u l-Pulizija tal-Komunità kienu għamlu laqgħa fuq fi Triq is-Sardinell minħabba l-problema ta' parkeġġ li jsir bil-lejl u li jostakola l-aċċess għall-garaxxijiet. Huwa informa wkoll li hemm kuntratti li juru li dinil-parti tat-triq hi privata u oħrajn li ma jsemmux din il-proviżjoni. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-amministratur biex issir laqgha fl-attendenza tal-CP biex isiru *double yellow lines* f'ċertu punti tat-triq. Il-Kunsill kien se jitlob ukoll lill-amministratur biex waqt din il-laqgħa jiġi maqbul u kkonfermat bil-miktub li għalkemm it-triq hija privata, ir-residenti qed jagħtu dritta lill-kunsill u lill-pulizija li jsir infurzar.

22.9.10 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tidentifika xi bankini li huma wiesa' ħafna fiż-żona ta' wara Dar il-Kaptan u tkellem lill-Perit tal-Kunsill biex possibbilment jiġu kreati aktar parkeġġi ġodda f'din iż-żona. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha turih il-bankina ħdejn tal-lottu għaliex ukoll hija wiesa' ħafna u hemm fejn isiru aktar parkeġġi.

22.9.11 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva direttiva min-naħa tad-DLG dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsill Lokali u l-laqgħat pubbliċi annwali fejn kien qed jiġi permess li l-Kunsill Lokali jorganizza laqgħat anke b'mod virtwali matul il-pandemija, sakemm ikun hemm aċċessibbilità għall-pubbliku.

22.9.12 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tal-assikurazzjoni tal-Kunsill fejn dawn kienu qablu li jgħaddu s-somma ta' €930 sabiex jagħmel tajjeb għas-serq mill-*container* tal-*jigger* u l-*generator* tal-Kunsill. Hija infurmat li ovvjament dawn il-flus kienu se jintużaw biex jinxtraw *jigger* u *generator* ġodda biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħlijiet.

22.9.13 Is-SE infurmat li min-naħa tal-PPCD kienu għadhom għaddejjin bl-evalwazzjoni tal-varjazzjonijiet li kellu l-Kunsill fir-rigward tax-xogħlijiet fuq it-torri. Min-naħa tagħha assigurat lill-Kunsill li għalkemm hemm dan id-dewmien kollu min-naħa tagħhom biex jagħtu risposta, il-Kunsill kien mexa skont kif suppost u kull varjazzjoni li saret kienet bl-approvazzjoni u/jew fuq rakkomandazzjoni tal-SCH, li hija l-awtorità kompetenti fejn għandu x'jaqsam ir-restawr. Għaldaqstant kienet qed tantiċipa li tirċievi risposta mill-aktar fis possibbli. Hawnhekk infurmat ukoll li hekk kif il-varjazzjoni tiġi approvata mill-MA, hija kienet se tagħmel talba uffiċjali għal aktar fondi minħabba li maż-żmien (u max-xogħol), l-ispejjeż tal-proġett ħolistiku kienu għolew b'mod konsiderevoli. Il-Kunsill qabel li għandha ssir pressjoni biex ikun hemm għajnuna mill-Gvern Ċentrali sabiex jitwettaq dan il-proġett.

22.9.14 Fuq talba tas-SE, kien hemm qbil unanimu li l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għandu jagħlaq waranofsinhar nhar l-24 u għal ġurnata sħiħa nhar il-Ħamis 31 ta' Diċembru 2020.

22.9.15 Ir-Reġjun kien qed joffri s-somma ta' €500 jew €800 lill-Kunsilli Lokali sabiex issir *fireworks display* nhar il-31 ta' Diċembru. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkomunika mal-Kunsilli tar-Rabat u l-Imdina u tipproponi li ssir display waħda għat-tliet lokalitajiet.

## 22.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

22.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 12), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 22.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021 fis-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |